# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 30/2017/1 MCH**

**Joseph Farrugia; Adrian James Abela; John Brincat; Berry Cassar; Joseph Schembri**

***v.***

**L-Awtorità għat-Trasport f'Malta; Il-Ministeru għat-Trasport u għall-Infrastruttura; L-Onor. Ministru għat-Trasport u għall-Infrastruttura; Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport u għall-Infrastruttura**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha tal-4 ta' Novembru 2021 li sabet illi bid-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-2010 dwar is-Servizzi ta' Rmiġġ

(Avviż Legali 100 tal-2010), tal-*Mooring Services Regulations, 2011*[1] (Avviż Legali 100 tal-2011), u tar-Regolamenti tal-2010 dwar is-Servizzi ta' Rmiġġ (Avviż Legali 253 tal-2012) ma seħħ ebda ksur tad-jeddijiet fondamentali tal-atturi mħarsin bl-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni"), bl-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni *Ewropea*"] u bl-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ("l-Ewwel Protokoll"). L-appell tal-atturi appellanti jolqot biss in-nuqqas ta' sejbien ta' ksur tad-drittijiet tagħhom imħarsin taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u taħt l-art.1 tal-Ewwel Protokoll.

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk mill-ewwel qorti:

> »Din hija sentenza wara kawża mibdija mill-atturi permezz ta' liema qed jilmentaw illi sofrew ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom sanċiti permezz tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni minħabba l-promulgazzjoni tal-Avviż Legali 100 tas-sena 2010, l-Avviż Legali 100 tas-sena 2011 u l-Avviż Legali 253 tas-Sena 2012. L-atturi huma irmiġġaturi liċenzjali u jipprovdu servizz ta' irbit jew ħall taċ-ċimi tal-vapuri li jidħlu fil-portijiet jew *terminals* tal-Gżejjer Maltin. Fuq medda ta' snin, saru numru ta' riformi fis-settur marittimu u fl-2010, permezz tal-Avviż Legali 100 tal-2010, ġew irregolati l-irmiġġaturi, is-servizzi provduti minnhom u t-tariffi għal dawn is-servizzi, kif ukoll twaqqaf Korp tal-Irmiġġjaturi magħmul mill-irmiġġaturi kollha li għandhom liċenzja. Sussegwentement, permezz tal-Avviż Legali 100 tal-2011, ġie lliberalizzat is-suq tas-servizzi tal-irmiġġ u l-irmiġġaturi tilfu l-esklussività li kienu jgawdu minnha ġewwa l-portijiet billi sar possibbli għat-*terminals* illi jqabbdu persuni mhux liċenzjati sabiex joffru l-istess servizzi li joffru l-irmiġġaturi liċenzjati. Wara diskussjonijiet bejn ir-rappreżentanti tal-irmiġġaturi u l-awtoritàjiet kompetenti, ġie promulgat l-Avviż Legali 253 tal-2012. Permezz ta' dan l-Avviż Legali l-irmiġġjaturi liċenzjali reġgħu kisbu esklussività f'numru ta' portijiet fejn l-istess Avviż Legali impona l-ħtieġa illi l-irmġġaturi li jaħdmu f'dawn il-portijiet speċifiċi jridu jkunu irmiġġjaturi liċenzjati. Permezz ta' dan l-Avviż Legali twaqqfet ukoll il-Ko-operattiva tal-Irmiġġjaturi, li tagħha jistgħu jkunu membri biss irmiġġjaturi liċenzjati u, permezz ta' arranġamenti li daħlet fihom l-Awtorità mal-Ko-operattiva, il-Ko-

---

[1] Dawn ir-Regolamenti huma pubblikati bl-ingliż.

operattiva tal-Irmiġġjaturi kisbet esklussività f'portijiet oħra għal numru ta' snin.«

3. Billi dehrilhom illi dawn id-disposizzjoniniet tal-liġi jolqtu ħażin id-drittijiet tagħhom, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

»(1) … tiddikjara illi bil-promulgazzjoni tal-Avviż Legali 100 tas-sena 2010, tal-Avviż Legali 100 tas-sena 2011 u tal-Avviż Legali 253 tal-2012, l-esponenti ġarrbu leżjoni fid-drittijiet fondamentali tagħhom kif tutelati mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ...;

»(2) tagħti dawk l-ordnijiet, provvedimenti u dikjarazzjonijiet kollha opportuni sabiex l-esponenti jingħataw rimedju xieraq u adegwat għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali mġarrbin minnhom, inkluż kum-pens għall-ħsarat pekunjarji u non-pekunjarji mġarrbin mill-esponenti.

»Bl-ispejjeż … … …«

4. Il-Ministeru għat-Trasport u għall-Infrastruttura, l-Ministru għat-Trasport u għall-Infrastruttura u s-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

»... … ….

»2. in linea preliminari …, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' applikabilità tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu ma hemm l-ebda teħid forzus ta' proprjetà iżda dak li qed jillamentaw minnu r-rikorrenti huwa tibdil fil-leġislazzjoni sussidjarja li tirregola l-irmiġġjaturi essenzjalment it-tibdil fil-kunċett ta' min seta' jkun awtorizzat jagħmel ix-xogħol ta' irmiġġjatur;

»... … …

»4. … fil-mertu, in kwantu l-allegazzjoni ta' vjolazzjoni hija mibnija fuq leżjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu li jkun hemm 'teħid ta' possedimenti' biss '*when all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect*' (Harris, O'Boyle & Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights (1995)*, paġna 527). Fil-każ odjern ir-rikorrenti ma ġew żvestiti minn ebda liċenzja ta' rmiġġjatur u għalhekk ma jistax jingħad illi d-dritt tal-proprjetà ser jispiċċa bit-tħaddim tal-Avviżi Legali bil-konsegwenza li t-teżi tar-rikorrenti illi hemm depri-vazzjoni tal-proprjetà ċertament li ma treġix.

»Fil-każ odjern, ir-rikorrenti qed jallegaw illi bil-promulgazzjoni tal-Avviżi Legali qed jiġu vjolati d-drittijiet ta' proprjetà tagħhom. L-esponenti jissottomettu illi dawn l-Avviżi Legali ma jistgħux jitqiesu bħala teħid *de jure* tal-proprjetà u lanqas jistgħu jitqiesu li jwasslu għall-esproprju *de facto* u dan peress illi r-rikorrenti baqgħu fil-pussess tal-liċenzja in kwistjoni u ma hemm xejn li qed iżomm lir-rikorrenti milli

jħaddmu l-liċenzja tagħhom. Il-fatt illi bl-Avviżi Legali infetaħ dan is-settur sabiex tiġi assigurata l-effiċjenza fil-portijiet hija miżuri li bl-ebda mod ma tikkozza ma dak li jipprovdi l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»In kwantu r-rikorrenti qed jallegaw kontroll ta' użu tal-possediment tagħhom, l-esponenti jissottomettu li mir-rikors promotur stess jirriżulta li r-rikorrenti għandhom il-pussess tal-possediment tagħhom u jistgħu iħaddmu l-istess possediment. Illi l-interferenza li minnha qed jil-lamentaw ir-rikorrenti u *cioè* l-promulgazzjoni tal-Avviżi Legali hija interferenza permissibbli a tenur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

»... … …

»6. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u in kwantu għar-rimedju mitlub mir-rikorrenti, l-esponenti jissottomettu li f'każ li dina l-qorti tirraviża leżjoni r-rimedju għandu jkun dak dikjaratorju. Ċertament li azzjonijiet ta' natura kostituzzjonali mhumiex intiżi sabiex persuna tottjeni d-danni reali iżda l-aktar li tista' tottjeni huma danni morali fil-forma ta' danni non pekunjarji.

5. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta wieġbet hekk:

»... … …

»15. Dwar l-allegat ksur tal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll jingħad illi:

»(i) l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhux applikabbli għall-każ in diżamina *stante* li dan l-artikolu japplika biss meta jsir "teħid ta' proprjetà b'mod obbligatorju". Liċenzja ta' rmiġġjatur ma tidhirx illi tikkwalifika bħala "proprjetà" fis-sens tal-artikolu 37 u, fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti stess jirrikonoxxu illi l-liċenzja ma ttiħdetilhomx;

»(ii) lanqas seħħ ksur tal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u dan għaliex, anke jekk liċenzja titqies "possediment", il-liċenzja tar-rikorrenti ma tteħditx u ebda liġi ma hija qed iżżomm lir-rikorrenti milli jħaddmu l-liċenzja tagħhom; għall-kuntrarju kif ġa ntqal, l-Avviżi Legali *de quo* jassiguraw illi ċertu xogħol jista' jsir biss minn irmiġġaturi liċenzjati;

»(iii) f'kull każ, l-għan ewlieni tal-Avviżi Legali kien sabiex tkun salvagwardjata l-effiċjenza u s-sigurtà tas-servizzi portwali. Il-buon ordni fil-portijiet huwa għan ieħor li kellu jintlaħaq bl-introduzzjoni ta' leġislazzjoni sussidjarja bħall-Avviż Legali 100 tal-2010. Dan kif rikonoxxut mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza Adrian James Abela *et v.* L-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Huwa sottomess illi l-awtorità ma tistax titqies illi kisret id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent meta hija qed teżerċita leġittimament, b'mod raġjonevoli u għal għanijiet siewja u xierqa il-poteri u l-funzjonijiet tagħha;

»(iv) huwa ċar mill-premessi tar-rikors illi r-rikorrenti qed jippruvaw jirrikorru għal rimedju Kostituzzjonali biex jipproteġu s-sitwazzjoni ta' *closed shop* illi timmina l-effiċjenza tal-port;

»(v) tajjeb li jiġi rilevat ukoll li ma hemm ebda dritt, garantit bil-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni, illi liċenzja tibqa' tiġi gawduta *in æternum*;

»… … …

»17. Fir-rigward tar-rimedju mitlub, partikolarment it-talba għal kumpens, jingħad illi:

»(i) filwaqt illi l-awtorità esponenti tiċħad illi hija għandha tħallas xi kumpens għal allegat telf pekunjarju, fl-agħar ipoteżi jekk jiġi meqjus li xi kumpens huwa dovut dan għandu jkun biss nominali *stante* illi dawn mhumiex proċeduri ċivili għal danni;

»(ii) jekk, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti però jinsistu fuq ħlas lilhom ta' "danni attwali", allura dawn għandhom jiġu pruvati.«

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»... ... ... tilqa' t-tieni, raba' ... eċċezzjoni tal-Ministru għat-Trasport u għall-Infrastruttura u l-eċċezzjoni fil-paragrafi numru ħmistax ... [tal-awtorità konvenuta] safejn kompatibbli ma' din is-sentenza u tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi.

»Spejjeż jitħallsu kollha mill-atturi.«

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»L-applikabilità tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta

»Il-konvenuti eċċepew in-nuqqas ta' applikabilità tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni *stante* illi, skont huma, ma hemm l-ebda teħid forzuż ta' proprjetà iżda biss tibdil fil-leġislazzjoni sussidjarja li tirregola l-irmiġġjaturi, u *cioè* t-tibdil tal-kunċett ta' min seta' jkun awtorizzat jagħmel ix-xogħol ta' irmiġġjatur.

»Il-qorti tagħraf illi dawn il-qrati ilhom numru ta' snin issa jirrikonoxxu illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli biss fejn ikun hemm teħid forzuż, iżda wkoll fejn ikun hemm kontroll ta' użu tal-proprjetà tal-individwu li jippriva lill-istess individwu milli jagħmel użu kif jixtieq tal-proprjetà tiegħu. Hawnhekk il-qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet <u>Michael D'Amato *et v.* L-Awtorità tad-Djar et</u> deċiża minn din il-qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Ottubru 2016, u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' April 2017 … … …

»"… … …

»Għalhekk, il-fatt waħdu li ma ttieħditx il-liċenzja tal-atturi ma jfissirx neċessarjament u awtomatikament illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m'huwiex applikabbli f'dawn il-proċeduri. *Cio nonostante*, il-qorti tqis illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m'huwiex applikabbli għall-ilment tal-atturi. Mill-provi jirriżulta ċar illi mhux biss il-liċenzja tal-atturi ma ttieħditx iżda wkoll ma ġie impost l-ebda kontroll jew limitu fuq l-użu tagħha. Jirriżulta wkoll illi l-fatt li l-atturi huma irmiġġaturi liċenzjati ma

jwaqqafhomx milli jwettwu servizzi ta' irmiġġ f'portijiet jew *terminals* fejn din il-liċenzja m'hijiex meħtiega sabiex ikun jista' jiġi reż tali servizz. Għalhekk fil-fehma ta' din il-qorti l-artikolu 37 m'huwiex applikabbli f'dawn il-proċeduri u dawn l-eċċezzjonijiet qed jiġu milqugħa ġaladarba ma kien hemm l-ebda teħid forzuż tal-liċenzja tal-attur u lanqas ma kien hemm kontroll fuq l-użu tagħha.

»L-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea

»Il-konvenuti eċċepew illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea m'huwiex applikabbli għall-każ odjern peress illi l-liċenzja tal-irmiġġjaturi m'hijiex possediment jew proprjetà għall-finijiet ta' dawn l-artikoli.

»Il-qorti tosserva illi it-terminu "possediment" għandu definizzjoni awtonoma u pjuttost wiesgħa. Minn eżami tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea jirriżulta illi t-terminu possediment jinkludi kemm assi tanġibli u kif ukoll assi intanġibbli, bhal ma huma proprjetà intelletwali jew l-avvjament ta' negozju. … … …

»… … …

»Fil-fehma tal-qorti, mill-provi prodotti f'din il-kawża jirriżulta ampjament illi l-liċenzja tal-irmiġġjaturi hija filfatt possediment *ai termini* tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Kif ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet Anthony Farrugia *et v.* L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta *et* moghtija fit-23 ta' Novembru 2020:

> »"Qabel l-introduzzjoni tal-Avviż Legali numru 100 tal-2011, din il-liċenzja kienet neċessarja sabiex persuna tkun tista' taħdem bħala rmiġġjatur, filwaqt illi wara l-emendi tal-2012 din il-liċenzja tagħti lill-irmiġġjatur liċenzjat esklussività f'dak li għandu x'jaqsam xogħol ta' rmiġġjar f'numru ta' portijiet li jinsabu fil-Gżejjer Maltin. Għalhekk, għalkemm huwa minnu li din il-liċenzja ma tistax tiġi trasferita jew tintiret, ma jistax jingħad illi m'għandhiex valur ekonomiku meta wieħed jikkonsidra illi qabel l-2011 din il-liċenzja kienet tagħti lill-appellati aċċess sabiex jipprattikaw professjoni li minnha jaqilgħu l-għijxien tagħhom, filwaqt li wara l-emendi tal-2012 din il-liċenzja tagħtihom aċċess esklussiv sabiex irendu servizzi f'numru ta' portijiet Maltin."

»F'din il-kawza wkoll jirriżulta illi l-liċenzja tal-atturi għandha valur ekonomiku, minkejja li ma tistax tintiret jew tiġi trasferita għaliex qabel l-2011 l-atturi kienu jeħtiegu din il-liċenzja sabiex ikunu jistgħu jaħdmu bħala irmiġġjaturi, filwaqt illi wara l-2012 l-atturi bdew jeħtieġu din il-liċenzja sabiex ikollhom aċċess, *qua* irmiggjaturi, għal numru ta' portijiet Maltin. Huwa ċar għalhekk illi din il-liċenzja għandha valur ekonomiku għall-atturi, ġaladarba kemm qabel l-emendi tal-2011 u kemm wara l-emendi tal-2012 din il-liċenzja kienet tagħtihom aċċess għal xogħol li minnu jaqilgħu l-għixien tagħhom.

»Il-qorti tosserva illi minkejja li l-atturi jilmentaw illi huma sofrew teħid tal-liċenzja tagħhom, il-liċenzja tal-atturi qatt ma ġiet revokata. It-tibdil li seħħ minħabba l-emendi impunjati kien fil-kondizzjonijiet tas-suq li fih kienu joperaw l-atturi, u dan affetwa s-sehem li l-atturi kellhom f'dan is-suq. M'huwiex kontestat illi, qabel l-introduzzjoni tal-leġislazzjoni in kwistjoni, l-atturi kellhom monopolju totali fuq is-suq tal-irmiġġ u għalhekk kienu jgawdu b'mod esklussiv minn sehem sħiħ fuq dan is-suq. Il-leġislazzjoni impunjata kienet intiża sabiex tilliberalizza s-suq, u

dan wassal sabiex sar possibli għal persuni li ma kinux irmiġġjaturi liċenzjati li joperaw fl-istess suq u jikkompetu mal-atturi għall-provvista tas-servizzi ta' irmiġġ, almenu f'ċertu *terminals*. Però l-ebda wieħed minn dawn l-Avviżi Legali ma llimita l-possibilita tal-atturi illi jkomplu joperaw f'dan is-suq jew xi parti minnu. Filfatt mill-provi jirriżulta illi dejjem baqa' possibli, mill-punt di vista legali għall-atturi illi joperaw f'dawk il-portijiet fejn ma kinitx meħtieġa liċenzja. Jekk imbagħad is-servizzi tagħhom jiġux ingaġġati mill-operaturi tat-*terminals* jew le kienet għażla libera tal-istess operaturi. Għalhekk huwa ċar li ma ġiex impost xi kontroll jew limitu fuq l-użu tal-liċenzja ta' irmiġġatur, kif ukoll li ma ġie impost l-ebda limitu fuq il-possibilità tal-atturi, *qua* irmiġġjaturi liċenzjati, li jibqgħu joperaw bħala irmiġġjaturi anke f'dawk il-portijiet fejn din il-liċenzja ma kinitx meħtieġa.

»M'huwiex ikkontestat illi l-Avviżi Legali impunjati mill-atturi introduċew il-possibilità li jkun hemm kompetizzjoni libera fis-suq tal-irmiġġjaturi, almenu f'ċertu *terminals*. Fil-fehma ta' din il-qorti dak li ġie milqut bl-Avviż Legali in kwistjoni ma kinitx il-liċenzja tal-atturi iżda *se mai* l-aspettattiva jew ix-xewqa tagħhom illi jibqgħu jaħdmu f'suq magħluq għall-kompetizzjoni. Skont il-ġurisprudenza, tali aspettattiva jew xewqa ma tikkostitwix possediment tutelabbli *ai termini* tal-Konvenzjoni Ewropea. Filfatt, kif ġie deċiż fis-sentenza ċitata aktar il-fuq fl-ismijiet <u>Anthony Farrugia *et v.* L-Awtorità għat-Trasport f'Malta *et*</u>:

> »"… … … il-qorti ma tqisx illi l-isperanza jew xewqa tal-appellati illi s-suq tas-servizzi ta' rmiġġjar jibqa' magħluq u jibqgħu jgawdu mill-monopolju li kienet toħloq il-liġi tikkostitwixxi aspetattiva leġittima li tista' titqies bħala possediment għall-finijiet tal-Konvenzjoni. Kif sewwa jargumentaw l-appellanti, l-appellati ma setax ikollhom aspettativa leġittima li l-liġi ma tinbidel qatt u li l-monopolju gawdut minnhom jibqa' fis-seħħ għal dejjem. Barra minn hekk, il-kondizzjonijiet tas-suq qabel l-emendi ma kinux possediment fil-proprjetà tal-appellati, u l-klijentela tal-appellati ma kinitx ġiet żviluppata "*by dint of their own work*", iżda sforz biss leġislazzjoni li kienet toħloq monopolju favur tagħhom, u għalhekk ma tikkostitwix possediment distint protett permezz tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-qorti tqis illi s-sehem fis-suq tal-appellati u l-pożizzjoni dominanti tagħhom fis-suq tal-irmiġġjar ma jistgħux jitqiesu bħala possedimenti *ai termini* tal-Konvenzjoni u żgur li m'humiex protetti minn leġislazzjoni introdotta leġittimament mill-istat immirata lejn il-liberalizzazzjoni tas-suq."

»Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jikkritikaw din is-sentenza li skont huma waslet għal konkluzjoni żbaljata minħabba nuqqas ta' distinzjoni filosofika illi "wieħed ikun *il titolare del diritto stesso* emanenti mill-possediment tal-oġġett innifsu, li jfisser li, aktar milli wieħed għandu d-dritt tal-possediment tal-liċenzja, wieħed għandu wkoll id-dritt intrinsiku fuq id-dritt innifsu" li huma jgħidu hija magħmula mill-awtur Montel. Din il-qorti tqis li dan l-argument tal-atturi huwa infondat, ikkonsidrat illi il-kunċett ta' possediment huwa wieħed awtonomu fid-dritt kostituzzjonali/konvenzjonali, u għalhekk kwalunkwe interpretazzjoni ta' dan it-terminu trid issir strettament *ai termini* tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u l-ġurisprudenza dwarhom. Din il-qorti taqbel ma' dak li ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali u tqis li dan l-argument tal-atturi huwa irrelevanti fil-kuntest in diżamina. Dan għaliex l-argument magħmul mill-atturi bl-ebda mod ma jnaqqas mill-fatt illi l-

kondizzjonijiet tas-suq u l-klijentela ma jistgħux jitqiesu bħala possedimenti tal-atturi skont id-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali għar-raġunijiet spjegati u għalhekk f'dan ir-rigward la huma titolari ta' dawk id-drittijiet u lanqas għandhom "dritt intrinsiku fuq id-dritt innifsu".

»L-atturi jargumentaw illi l-aspettativa leġittima tagħhom hija illi jibqgħu igawdu l-jeddijiet emanenti mill-possediment tal-liċenzja tagħhom *on the same level playing field* u mhux li jkollhom il-jeddijiet tagħhom ristretti. Il-qorti tirrileva però illi l-possediment tagħhom ta' liċenzja ta' irmiġġjatur jagħtihom aċċess għas-suq sħiħ tas-servizzi ta' irmiġġ, billi bħala titolari ta' din il-liċenzja huma jistgħu jagħtu s-servizzi tagħhom kemm f'dawk it-*terminals* fejn din il-liċenzja hija meħtieġa u kemm f'dawk it-terminals fejn m'hijiex meħtieġa liċenzja sabiex wieħed joffri servizzi ta' irmiġġ u kif ukoll f'dawk it-*terminals* fejn is-servizzi ta' irmaġġjatur jingħataw biss minn dawk li huma membri tal-Ko-operattiva tal-Irmiggjaturi, liema membri jridu ta' bilfors jkunu rmiġġjaturi liċenzjati. Min-naħa l-oħra, irmiġġjaturi mhux liċenzjati jistgħu joffru servizzi ta' irmiġġ biss b'dawk il-portijiet fejn il-liġi tippermetti li jingħataw servizzi ta' rmiġġ minn persuni mhux liċenzjati. Għalhekk fil-fehma tal-qorti huwa infondat l-argument tal-atturi li d-drittijiet li jemanaw mill-liċenzja tagħhom ġew ristretti mill-Avviżi Legali in kwistjoni.

»Għalkemm l-atturi ressqu provi sabiex juru illi l-introjtu tagħhom naqas wara l-introduzzjoni ta' dawn l-Avviżi Legali peress illi tilfu xi *terminals*, huwa ċar illi dan it-tnaqqis kien biss riżultat tat-tħaddim tal-kompetizzjoni libera fis-suq, u mhux ta' xi att jew omissjoni tal-konvenuti illi tippekka kontra l-Konvenzjoni. Dan speċjalment ikkonsidrat illi, qabel l-introduzzjoni tal-Avviżi Legali impunjati mill-atturi, l-operaturi tat-*terminals* kellhom ta' bilfors jużaw is-servizzi tal-atturi, u għalhekk il-klijentela li kienu jgawdu minnha l-atturi qabel ma ġew introdotti dawn l-Avvizi Legali ma kinitx trawmet bl-intrapriża tal-atturi iżda kaġun tal-monopolju illi kienu jgawdu minnu minħabba l-liġi viġenti dak iż-żmien. Imbagħad, it-tnaqqis fil-klijentela tal-atturi kien biss ir-riżultat tal-għażla libera tal-operaturi ta' ċertu *terminals* li jinqdew bis-servizzi li kienu l-aktar kompettitivi. Però, ix-xewqa tal-atturi li jibqgħu joperaw f'suq magħluq m'hijiex protetta mill-liġi, u dan speċjalment ikkonsidrat illi s-salvagwardja ta' kompetizzjoni libera fis-suq hija obbligu tal-Istat Malti bħala membru tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk huwa ċar illi l-ilment tal-atturi huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, *stante* illi ma ġie mittiefes l-ebda possediment tagħhom li huwa tutelabbli skont il-liġi.

»… … …«

8. L-atturi appellaw b'rikors tat-23 ta' Novembru 2021 li għalih wieġbu l-awtorità fil-21 ta' Diċembru 2021 u l-konvenuti l-oħra fis-17 ta' Jannar 2022.

9. L-appell tal-atturi jolqot in-nuqqas ta' sejbien ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tal-atturi mħarsin bl-art. 37 tal-Kostituzzjoni u bl-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, u ġie mfisser hekk:

> »1. … … … l-esponenti appellanti qed jintavola dan l-appell mis-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti fl-4 ta' Novembru 2021 dwar diversi punti li ġew deċiżi erronjament, legalment u fattwalment mill-ewwel qorti jew li ma ngħatawx il-konsiderazzjoni li kellhom jingħataw u kienet mistħoqqa mill-ewwel qorti.
>
> »2. Preliminarjament l-esponenti appellanti jemmnu li l-ewwel qorti ġiet influenzata mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali) [*recte*, mill-Qorti Kostituzzjonali] fl-ismijiet: <u>Anthony Farrugia *et v* l-Awtorità għat-Trasport Malta *et*</u> (kaž numru 89/16) li tinkwadra talbiet identiċi iżda ibbażati fuq argumenti u evidenza distinttivament differenti kontra l-imsemmija konvenuti, sforz li sar mill-esponenti appellanti preċiżament sabiex l-ewwel qorti jkollha perspettiva u ottika kompletament differenti minn dik deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali) surreferita.
>
> »… … …
>
> »8. Fil-qosor, essenzjalment dawn il-proċeduri ġew intavolati mill-atturi li huma irmiġġiaturi (*mooring men*) liċenzjati a tenur tal-leġislazzjonijiet sussidjarji relattivi li nbidlu, aktar milli ġew emendai, fuq medda ta' snin, prinċipalment permezz tal-Avviż Legali 100 tas-sena 2010, Avviż Legali 100 tas-sena 2011, u tal-Avviż Legali 253 tas-Sena 2012 rispettivament.
>
> »… … …
>
> »11. Kienu biss l-esponenti appellanti, bħala irmiġġjaturi, li ġew individwati bil-leġislazzjoni odjerna u, *di più*, filwaqt li l-irmiġġjaturi liċenzjati kienu u għadhom soġġetti għal ċertu kontroll mill-awtorità appellata li minnhom titlob ċertu kriterji speċifiċi, dawk l-hekk imsejħa irmiġġjaturi mhux liċenzjati, li jipprovdu servizz fil-Port Ħieles, ma għandhom la tali kontroll u lanqas xi kriterji impost fuqhom mill-awtorità appellata liema irmiġġjaturi mhux liċenzjati ħadu ix-xogħol tal-irmiġġ tal-esponenti appellanti.
>
> »12. Huwa f'dan il-kuntest li wieħed għandu japprezza l-argument tal-esponenti appellanti u mhux l-argument jkun limitat *out of context*, fil-kuntest ta' dak li verament seħħ meta ddaħħlet il-leġislazzjoni sussidjarja *de quo*.
>
> »13. Li l-awtorità appellata ssemmi li ma kien hemm l-ebda teħid forzuz ta' proprjetà iżda biss tibdil fil-leġislazzjoni sussidjarja li tirregola l-irmiġġjaturi, bir-rispett kollu, mhuwiex meqjus legalment sostenibbli.
>
> »14. Interessanti li l-ewwel qorti irreferiet għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' April, 2017 fl-ismijiet <u>Michele D'Amato *et v.* l-Awtorità tad-Djar *et*</u> fejn intqal li artikolu 37 ma kienx japplika meta jkun hemm kontroll ta' użu, "intiż b'tali mod biex jippriva b'mod sostanzjali lis-sid milli jagħmel użu kif jixtieq mill-proprjetà tiegħu ...

allura dan jekwivali għal teħid ta' interess f'dik il-proprjetà u jaqa' fil-protezzjoni mogħtija mill-Kostituzzjoni".

»15. U l-ewwel qorti kompliet billi sostniet "Għalhekk, il-fatt waħdu li ma tteħditx il-liċenzja tal-atturi ma jfissirx neċessarjament u awtomatikament illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m'huwiex applikabbli f'dawn il-proċeduri".

»16. U meta l-esponenti appellanti ħasbu li l-ewwel qorti kienet fehmet l-argument sostnut minnhom, l-istess qorti, f'argument li jidher konfliġġenti, kompliet hekk:

> »"*Ciò nonostante*, il-qorti tqis illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m'huwiex applikabbli għall-ilment tal-atturi. Mill-provi jirriżulta ċar illi mhux biss il-liċenzja tal-atturi ma ttieħditx iżda wkoll ma ġie impost l-ebda kontroll jew limitu fuq l-użu tagħha. Jirriżulta wkoll li l-fatt li l-atturi huma irmiġġjaturi liċenzjati ma jwaqqafhomx milli jwettqu servizzi ta' irmiġġ f'portijiet jew *terminals* fejn din il-liċenzja m'hijiex meħtieġa sabiex ikun jista' jiġi reż tali servizz."

»17. B'kull rispett, l-esponenti appellanti ma jistgħux jaqblu ma' dan l-argument tal-ewwel qorti għaliex, għal kuntrarju, altru milli huma ġew imwaqqfa anzi mċaħħda milli jipprovdu "servizzi ta' irmiġġ f'portijiet jew *terminals* fejn din il-liċenzja m'hijiex meħtieġa sabiex ikun jista' jiġi reż tali servizz".

»18. L-esponenti appellanti, l-aktar permezz tal-*affidavit* dettaljat kif ukoll ix-xiehda manifestament ċara tal-irmiġġjatur Joseph Farrugia, isostnu mingħajr tlaqliq li huma kienu imwaqqfa milli jipprovdu servizz tal-irmiġġ fil-Port Ħieles fejn ix-xogħol tal-irmiġġ huwa qattigħ bil-movimenti kwotidjani ta' vapuri ... xogħol tal-irmiġġ li ngħata lill-irmiġġjaturi mhux liċenzjati, xogħol ta' irmiġġ li kien irendi introjtu sostanzjali għall-esponenti appellanti. Jekk wieħed iħares lejn il-lista tal-movimenti tal-vapuri fl-imsemmija *terminal* ikun jista' verament japprezza numru ta' movimenti ta' vapuri sena wara sena minn meta l-esponenti appellanti kienu twaqqfu milli jipprovdu s-servizz tagħhom fl-imsemmi *terminal*, u li kull moviment ta' kull vapur, irendi introjtu finanzjarju sostanzjali lill-irmiġġjaturi.

»19. Għaldaqstant, minħabba apprezzament erronju tal-fati imressqa quddiemha, kif fuq spjegat, il-konklużjoni li hija wasslet għaliha hija fattwalment meqjusa monka għaliex fil-fehma tal-esponenti appellanti, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa applikabbli għal każ in deżamina stante li iva, kien hemm it-teħid forzuz tal-liċenzja tal-esponenti appellanti fis-sens li kien hemm kontroll fuq l-użu tagħha kif ġie sottomess aktar qabel tant li kif ġie ippreżentat quddiem l-ewwel qorti, l-esponenti appellanti tilfu eluf kbar ta' introjtu riżultanti tal-kontroll fuq l-użu tal-liċenzja tagħhom bħala irmiġġjaturi.

»20. Dunque mhemmx dubju li hemm *nexus* ċar bejn il-kontroll fuq il-liċenzja tagħhom b'daqqa ta' pinna li permezz tagħha iddaħħlet il-leġislazzjoni sussidjarja u t-telf tal-introjtu tagħhom.

»21. L-ewwel qorti ttrattat l-eċċezzjoni eċċepita mill-appellati konvenuti rigwardanti 'possediment' u ddeċidiet li *stante* li

> »"huwa ċar għalhekk li din il-liċenzja għandha valur ekonomiku għall-atturi, ġaladarba kemm qabel l-emendi tal-2011 u kemm wara l-emendi tal-2012 din il-liċenzja kienet tagħtihom aċċess għal xogħol li minnu kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom."

»Liema argument juri ċar illi l-liċenzja tal-irmiġġ hija fil-fatt possediment.

»22. Iżda nonċio' [*sic*] tali asserzjoni da parti mill-ewwel qorti dwar il-possediment, jidher ċar li l-ewwel qorti kompliet fuq l-argument tagħha li ġà ġie indirizzat aktar qabel dwar it-teħid tal-imsemmija liċenzja *o meno*, fis-sens li nonċio' li l-liċenzja kienet ġiet limitata, restritta għall-esponenti appellanti, tali liċenzja "qatt ma ġiet revokata" riżultanti tal-leġislazzjoni sussidjarja ċitata.

»23. … … … fundamentalment imporanti li jkunu ċċarati ċerti aspetti imqajma mill-ewwel qorti, l-aktar dwar il-"monopolju totali fuq is-suq tal-irmiġġ u għalhekk kienu jgawdu b'mod esklussiv minn sehem sħiħ fuq dan il-suq".

»24. B'kull rispett, il-kawża oldjerna ma kinitx intavolata a tenur tal-liġi li tirregola l-kompetizzjoni ġusta u, *di più*, hija biss assunzjoni tal-ewwel qorti li l-esponenti appellanti kienu jgawdu l-hekk imsejjaħ monopolju fuq is-suq *stante* li provi dwar tali monopolju ma tressqux u lanqas setgħu jitressqu peress li ma kienx la l-iskop tal-kawża odjerna u lanqas taħt il-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti.

»25. *Di più*, jidher ċar li l-ewwel qorti ħadet *for granted* dak imsemmi mill-awtorità appellata, fost l-oħrajn, li l-iskop tal-leġislazzjoni sussidjarja kien wieħed speċifiku u *cioè*

> »"il-leġislazzjoni impunjata kienet intiża sabiex tilliberalizza is-suq, u dan wassal sabiex sar possibbli għal persuni li ma kinux irmiġġjaturi liċenzjati li joperaw fl-istess suq u jikkompetu mal-atturi għall-provvista tas-servizz tal-irmiġġ almenu f'ċertu *terminals*."

»26. Tali assunzjoni da parti tal-ewwel qorti hija kkonsidrata mill-esponenti appellanti bħala erronja u dan għal diversi raġunijiet li ser jissemmgħu hawn taħt dejjem fil-qasir.

»(a) "il-leġislazzjoni impunjata kienet intiża sabiex tilliberalizza s-suq ..." jekk wieħed jeħodha li qiegħda tirreferi għas-suq marittimu li jinvolvi diversi *players on the market* allura tali asserzjoni ma treġġix. Għalfejn qed jingħad hekk?

»Jekk tali leġislazzjoni sussidjarja kellha tittieħed fil-kuntest tal-hekk imsejħa riforma portwali li kienet seħħet dak iż-żmien, għaliex oħrajn, *players on the market*, li kienu u għadhom jipprovdu servizz fil-portijiet tagħna, kienu u baqgħu joperaw b'mod esklussiv mingħajr ebda kompetizzjoni?

»*Dunque*, titqajjem id-domanda ... għaliex tneħħiet l-esklussività tal-irmiġġjaturi u mhux ta' oħrajn fosthom il-piloti marittimi fil-portijiet u fit-*terminals* tagħna li inċidentalment flimkien mal-irmiġġjaturi, kienu suġġetti għall-istess leġislazzjoni sussidjarja 163/1975 ... iżda filwaqt li l-piloti marittimi baqgħu għaddejjin b'monopolju sħiħ, mhux hekk spiċċaw l-irmiġġjaturi?

»U mal-piloti marittimi jistgħu jissemmew *players* oħra fis-settur marittimu bħall-ħaddiema tax-xatt (*portworkers*) kif ukoll il-*port foremen* li ġew imsemmija b'mod ampju *sia* fil-mori tal-kawża u *sia* fin-nota ta' sottomissjonijiet.

»… … …

»(b) "u dan wassal sabiex sar possibbli għal persuni li ma kinux irmiġġjaturi liċenzjati li joperaw fl-istess suq u jikkompetu mal-atturi għall-provvista tas-servizz tal-irmiġġ almenu f'ċertu *terminals*". ... sar possibbli li irmiġġjaturi mhux liċenzjati joperaw fl-istess suq u jikkompetu mal-esponenti appellanti għas-servizz tal-irmiġġ.

»B'kull rispett, nafu x'qegħdin ngħidu? Li b'daqqa ta' pinna l-leġislatur ipprovda l-possibilità li irmiġġjaturi mhux liċenzjati, addirittura, mill-awtorità appellata setgħu jipprovdu s-servizz tal-irmiġġ billi l-irmiġġ-jaturi liċenzjati mill-awtorità appellata nqalgħu 'il barra mill-Port Ħieles b'telf ta' introjtu sostanzjali għalihom. Iġifieri, ħalli d-diskors ikun ċar, il-leġislatur b'daqqa ta' pinna awtorizza persuni mhux liċenzjati mill-awtorità appellata biex jaħdmu ta' irmiġġjaturi minflok l-esponenti appellanti li huma irmiġġjaturi liċenzjati mill-awtorità appellata.

»Vera li jingħad *chi comanda fa la legge* iżda hija liġi moqżieża għall-aħħar taħt l-iskuża ta' riforma marittima u suppost bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-kompetizzjoni ġusta, li min m'għandux liċenzja jingħata esklussività tal-Port Ħieles a skapitu ta' min huwa liċenzjat.

»(ċ) "u dan wassal sabiex sar possibbli għal persuni li ma kinux irmiġġjaturi liċenzjati li joperaw fl-istess suq u jikkompetu mal-atturi għall-provvista tas-servizz tal-irmiġġ almenu f'ċertu *terminals*". ... dak li assumiet l-ewwel qorti u *cioè* li l-esponenti appellanti setgħu jkollhom l-opportunità li jikkompetu mal-irmiġġjaturi mhux liċenzjati għas-servizz tal-irmiġġ ... " almenu f'ċerti *terminals*" mhux il-każ.

»Kif ġie spjegat quddiem l-ewwel qorti, l-irmiġġjaturi fil-Port Ħieles kienu ddaħħlu b'*direct order* u mhux permezz ta' sejħa pubblika, tant li l-esponenti xtaqu kellhom l-opportunità li jipparteċipaw iżda sejħa ma saritx.

»Huwa fatt mingħajr ebda dubju illi kieku saret sejħa pubblika għas-servizz tal-irmiġġ fil-Port Ħieles, l-esponenti appellanti kien ikollhom vantaġġ fuq min ried jaħdem ta' irmiġġjaturi mhux liċenzjati u *dunque* mhux bl-esperjenza bħal ma huma l-esponenti appellanti.

»*Dunque*, żgur u mhux forsi, bil-leġislazzjoni sussidjarja msemmija, ġiet eliminata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq relevanti li f'dan il-kuntest huwa s-suq tal-Port Ħieles u dan kuntrarjament għal dak li sostniet l-ewwel qorti u *cioè* li

> »"...l-Avviżi Legali impunjati mill-atturi introduċew il-possibiltà li jkun hemm kompetizzjoni libera fis-suq tal-irmiġġjaturi. Almenu f'ċerti *terminals*."

»(d) *di più*, l-ewwel qorti jidher li f'dan il-kuntest ma apprezzatx il-fatt li minħabba dak spjegat l-esponenti appellanti ma setgħux, anzi kienu mpoġġija fl-impossibiltà li jagħmlu użu tal-liċenzja tagħhom mingħajr ebda xkiel u limitazzjoni jekk mhux minħabba d-daqqa ta' pinna biex daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni sussidjarja mertu ta' dawn il-proċeduri.

»(e) għandu jingħad li hija assunzjoni kompletament erronja li l-ewwel qorti assumiet li qed jitħaddmu l-prinċipji tal-kompetizzjoni ġusta għal suq ħieles meta wieħed iqis li riżultat tal-hekk imsejħa liberalizzazzjoni tas-suq, il-*player on the market* li gawdew kienu appuntu dak l-irmiġġjaturi mhux liċenzjati li ddaħħlu jaħdmu fil-Port Ħieles b'*direct order* u mhux b'sejħa pubblika kif wieħed jistenna.

»Biex wieħed jibqa' fuq id-diskors tal-kompetizzjoni ġusta, allura ma jistax ma jkunx ovvju li fir-rigward tal-Port Ħieles qatt ma kien hemm *same level playing field* għall-esponenti appellanti, irmiġġjaturi liċenzjati xejn anqas mill-awtorità appellata.

»27. Dak sottomess mill-esponenti appellanti dwar il-possediment għandu jreġġi meta skont l-awtur notevoli Montel li jsemmi illi aktar milli wieħed għandu dritt tal-possediment tal-liċenzja, wieħed għandu wkoll id-dritt intrinsiku fuq id-dritt innifsu, distinzjoni filosofika li jidher illi l-ewwel qorti ma apprezzatx tant li qisitu bħala infondat, iżda noncioe' l-ewwel qorti qieset li l-liċenzja hija fl-aħħar mill-aħħar possediment tal-atturi.

»28. Hawn jibqa' l-argument kruċjali għal każ in desamina u *cioè* li l-esponenti appellanti ġew verament imċaħħda milli jagħmlu użu mill-liċenzja tagħhom, mill-possediment tagħhom f'suq ħieles suġġett għall-prinċipji tal-kompetizzjoni ġusta ... ħaġa li ma saritx possibbli meta wieħed iqis dak li seħħ fir-rigward tal-Port Ħieles.

»29. *Di più*, wieħed jerġa' jistaqsi kif jista' jkun hemm kompetizzjoni ġusta jekk min ingħata d-dritt b'*direct order* u mhux permezz ta' sejħa pubblika biex ovvjament ma jkunx hemm ħaddieħor biex jipprova jikkompeti mal-irmiġġjaturi mhux liċenzjati.

»30. Huwa minnu li l-ewwel qorti sostniet "illi ma ġie mittiefes l-ebda possediment taħghom li huwa tutellabbli skont il-liġi" iżda jibqa' l-fatt li l-liġi sussidjarja hija kkonsidrata bħala diskriminatorja fil-konfront tal-esponenti appellanti kif ġie sottomess f'dan ir-rikors tal-appell u fin-nota ta' sottomissjonijiet dettaljata minnhom intavolata.

»31. Dwar dan kollu għandu jirriżulta li s-sentenza appellata injorat id-diversi argumenti fattwali u legali validi li tressqu mill-esponenti appellanti li qed jintalbu għaldaqstant li jingħataw id-debita konsider-azzjoni sabiex is-sentenza appellata tiġi varjata *in linea* ma' dak mitlub fl-aggravji li tressqu.«

10. Essenzjalment il-pretensjoni tal-atturi hija illi l-monopolju li kellhom qabel daħlu fis-seħħ il-liġijiet impunjati – jiġifieri d-dritt li jċaħħdu lil ħaddieħor milli jagħmel xogħol bħal tagħhom u li jċaħħdu lil min jinqeda b'servizzi ta' rmiġġ milli jagħżel l-irmiġġatur li jagħtih l-aktar servizz ekonomiku u effiċjenti – huwa dritt fondamentali mħares mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea. Mhux minnu dak li jgħidu l-appellanti illi "hija biss assunzjoni tal-ewwel qorti li l-esponenti appellanti kienu jgawdu l-hekk imsejjaħ monopolju fuq is-suq *stante* li provi dwar tali monopolju ma tressqux" meta l-argument tagħhom ma huwiex illi tteħditilhom il-liċenza

iżda illi nbidel ir-reġim legali li kien jagħtihom esklusività fis-suq li fih joperaw.

11. L-argument imbagħad li l-esklusività ta' operaturi oħrajn fi swieq oħrajn ma tneħħietx huwa irrelevanti ladarba l-appell ma jolqotx il-konklużjoni tal-ewwel qorti illi ma kienx hemm ksur tal-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-drittijiet li tagħti l-Konvenzjoni.

12. Huwa wkoll ħażin dak li jgħidu l-appellanti illi "l-irmiġġjaturi liċenzjati mill-awtorità appellata nqalgħu 'il barra mill-Port Ħieles"; ma "nqalgħux 'il barra" l-appellanti, li għadhom jistgħu joffru s-servizzi tagħhom fil-Port Ħieles, iżda biss ma baqgħux "maqlugħin 'il barra" operaturi oħrajn kompetituri tagħhom.

13. Daqstant ieħor falza l-asserzjoni illi "l-leġislatur b'daqqa ta' pinna awtorizza persuni mhux liċenzjati mill-awtorità appellata biex jaħdmu ta' irmiġġjaturi minflok l-esponenti appellanti": il-liġijiet impunjati jippermettu lill-opertauri l-oħra jaħdmu *flimkien ma'* u mhux *minflok* l-appellanti.

14. L-appellanti jgħidu wkoll illi "l-irmiġġjaturi fil-Port Ħieles kienu ddaħħlu b'*direct order* u mhux permezz ta' sejħa pubblika, tant li l-esponenti xtaqu kellhom l-opportunità li jipparteċipaw iżda sejħa ma saritx". Fil-fatt jidher li dan huwa wieħed mill-ilmenti ewlenin – jekk mhux l-element ewlieni – tal-appellanti: li meta nfetaħ is-suq intgħażel ħaddieħor u mhux huma (għalkemm setgħu ntgħażlu huma, likieku lil min għamel l-għażla deherlu li s-servizz li jagħtu huma huwa aħjar), u qegħdin ifittxu li jpinġu dak li ġara bħala konsegwenza tal-liġijiet impunjati.

15. Iżda li ġara huwa illi l-appellanti ma ntgħażlux għal dan ix-xogħol, mhux li ma setgħux jintgħażlu, kif iridu jagħtu x'tifhem fir-rikors tal-appell. Din ma hijiex konsegwenza tal-liġijiet impunjati, li mkien ma jgħidu illi l-appellanti ma jistgħux jaħdmu fil-Port Ħieles; hija konsegwenza tal-kompetizzjoni ħielsa, li jfisser li tista' leġittimament tintgħażel l-offerta ta' operatur flok ta' ieħor.

16. Jekk l-appellanti jridu jgħidu illi l-proċess tal-għażla kien ħażin, għax sar b'*direct order* u mhux wara sejħa pubblika, kellhom ifittxu li jimpunjaw i-proċess tal-għażla u mhux ifittxu dik li effettivament tkun dikjarazzjoni li għażla ma għandux ikun hemm għax huma biss għandhom jedd li jintgħażlu.

17. L-appellanti jaraw inkonsistenza bejn dak li qalet l-ewwel qorti illi "l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli biss fejn ikun hemm teħid forzuż, iżda wkoll fejn ikun hemm kontroll ta' użu tal-proprjetà tal-individwu li jippriva lill-istess individwu milli jagħmel użu kif jixtieq tal-proprjetà tiegħu" u l-konklużjoni illi l-art. 37 ma jolqotx iċ-ċirkostanzi tal-każ tallum.

18. Ma hemm ebda inkonsisteza jew kontradizzjoni. Dak li qalet l-ewwel qorti hu illi l-art. 37 ma jolqotx biss il-każ meta l-liċenza tittieħed għal kollox iżda wkoll meta dak li qabel seta' jsir bis-saħħa tal-liċenza ma jibqax jista' jsir.

19. Li ġara fil-każ tallum iżda huwa li la ttieħdet il-liċenza li għandhom l-appellanti u lanqas ma "tbattlet" il-liċenza billi dak li issa jista' jsir bis-saħħa tagħha sar anqas minn dak li seta' jsir qabel ma daħlu fis-seħħ il-

liġijiet impunjati; li ġara hu illi issa ħaddieħor ukoll jista' joffri s-servizz li jagħtu l-appellanti, u hekk ma tibqax isseħħ sitwazzjoni ta' monopolju. Monopolju ma huwiex dritt jew "possediment" imħares bil-Kostituzzjoni jew bil-Konvenzjoni Ewropea; huwa biss sitwazzjoni bi ksur tal-prinċipji tal-kompetizzjoni ħielsa u li għalhekk ma setax jibqa' fis-seħħ.

20. Huwa minnu illi, kif igħidu l-appellanti, huma "kien ikollhom vantaġġ fuq min ried jaħdem ta' irmiġġjaturi mhux liċenzjati", u li dan il-vantaġġ issa tilfuh. Iżda, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, dan kien vantaġġ li kienet tagħtihom il-liġi qabel daħlu fis-seħħ il-liġijiet impunjati, u mhux vantaġġ li kisbu bis-saħħa tal-ħidma u tal-investiment tagħhom. Ladarba dik is-sitwazzjoni ma baqgħetx kompatibbli mal-ħtiġiet tas-suq ħieles, l-appellanti ma setgħux ikomplu jgawdu minn dan il-vantaġġ. Madankollu, dak kollu li setgħu jagħmlu qabel xorta għadhom jistgħu jagħmluh, daqskemm issa jista' jagħmlu wkoll ħaddieħor li qabel kien imċaħħad minn dik il-possibilità, u ma hu minnu xejn dak li jgħidu l-appellanti illi "huma ġew imwaqqfa anzi mċaħħda milli jipprovdu servizzi ta' irmiġġ".

21. L-aspettativa tal-appellanti li jkomplu jgawdu minn sitwazzjoni ta' *closed shop* inkompatibbli mas-suq ħieles la hija aspettativa leġittima u lanqas "possediment" imħares bħala dritt fondamentali. Ironiku l-kumment tal-appellanti li jridu *a level playing field* meta fil-verità jridu l-oppost: *playing field* mhux biss imxaqilba favur tagħhom iżda wkoll waħda fejn huma biss jistgħu jidħlu jilagħbu, u jgħidu wkoll illi hija "moqżieża" liġi li ma tħallix dan iseħħ!

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell tal-atturi, li tqisu x'aktarx fieragħ, u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto*.

23. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll ta' dan l-appell, jitħallsu mill-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm